Network Dinji ta' Talb mal-Papa
MALTA

# Sfidi ta' Żminijietna fit-Talb

Lulju 2025

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu **biex nitgħallmu niddixxernu, billi nagħrfu nagħżlu t-toroq li jagħtu l-ħajja u nwarrbu kull ma jbegħidna minn Kristu u mill-Vanġelu.**

**Ninġabar:**
Nieħu ftit tal-ħin biex ninġabar u niffoka biex inħalli l-preżenza ta' Alla tmexxini fit-talb. Naħseb ftit dwar liema toroq inħosshom li jagħtuni l-ħajja biex ningħata aktar għall-ġid ta' dawk ta' madwari.

**Fatt**



Kont ħlomt li mmur ġurnata Għawdex imma ftit li xejn kelli ċans nippjana. Tlaqt għal għonq it-triq mingħajr sens ta' direzzjoni u ntlift jien u għaddejja mill-kampanja. Kont aljenajt ruħi bir-radju u b'ħafna ħsibijiet – xogħol, familja, flus – ħafna truf mingħajr sens. U bdejt nipprova nfittex xi sinjal li jindika minn fejn irrid ngħaddi jew forsi nilmaħ lil xi ħadd minn dawn in-naħat.

U kif kont qed infittex minn fejn se ngħaddi, irriflettejt fuq kemm-il darba nħossni mitlufa f'ħajti! Kemm nintilfu f'toroq ta' ħsibijiet superfiċjali li jtellfuna mid-direzzjoni t-tajba – il-materjaliżmu, is-social media, ir-riklami, il-ħolm fieragħ, il-kisbiet – toroq li jwassluna għall-qtigħ ta' qalb, għas-suppervja, għall-firda u l-egoiżmu. Però jekk aħna nkunu attenti biex indawru d-direzzjoni lejn toroq li jagħtu l-ħajja – it-triq tal-verità, tal-maħfra, tat-tama, tal-fidi – dawn kapaċi jkunu toroq iebsin imma huma dawn it-toroq li jwassluna fid-direzzjoni t-tajba.

U jien u naħseb fuq x'jista' jgħinni nagħżel it-toroq li jagħtu l-ħajja, dlonk intbaħt li ma hemm xejn aħjar mit-tagħlim tal-Vanġelu li jservi ta' gwida biex jien nagħżel toroq li jressquni lejn il-vera paċi u ferħ... lejn il-ħajja!

**Naħseb ftit:**
Liema kienu dawk iċ-ċirkustanzi li begħduni mit-triq li jkellimna dwarha l-Vanġelu? U mbagħad x'għamilt? Fittixt ir-riflessjoni u t-talb biex nifhem aħjar x'għandi nagħmel? Ħsibt f'xi ħadd li jista' jimxi miegħi biex nerġa' lura fit-triq ta' Kristu?

**Nitlob:**
Mulej, agħtini l-grazzja li, permezz tal-Vanġelu u ħajjet Kristu, nagħraf it-toroq li tassew imexxuni lejn dak li hu tajjeb u jimlieli qalbi biex nagħti lili nnifsi lill-oħrajn.

**Kliem ta' dawl:**
Fis-salib ta' Kristu tinstab l-istorja tad-dinja: il-grazzja u d-dnub, il-ħniena u l-indiema, it-tajjeb u l-ħażin, iż-żmien u l-eternità. *Papa Franġisku*

**X'nista' nagħmel:**
Nidentifika dak li l-iktar ibegħedni mit-triq tal-Vanġelu u nagħmel sforz biex inwaqqaf l-influwenza negattiva billi nagħti spazju lill-Kelma ta' Kristu u nħalliha tkun il-gwida ta' ħajti.